IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.7.2021
COM(2021) 377 final

2021/0188 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/440 dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk[1] jistabbilixxi qafas għall-governanza ġuridika, ambjentali, ekonomika u soċjali tal-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd definita fl-Artikolu 1(h) tal-Ftehim. Il-Protokoll ta' implimentazzjoni tal-Ftehim jipprevedi opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni f'sitt kategoriji.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/440[2], li jalloka opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-UE, attwalment għadu jinkludi r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (UK). F'dan ir-Regolament, ir-Renju Unit għandu opportunitajiet tas-sajd fil-kategorija sitta.

Fil-31 ta' Jannar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea abbażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Fil-Ftehim dwar il-Ħruġ[3], ġie deċiż perjodu ta' tranżizzjoni li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Għalhekk, mill-1 ta' Jannar 2021, id-dritt tal-Unjoni ma kienx applikabbli għar-Renju Unit.

Għaldaqstant, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd attribwiti lir-Renju Unit jitneħħew mir-Regolament (UE) 2019/440 u mill-1 ta' Jannar 2021, jiġu riallokati. Din il-proposta temenda r-Regolament sabiex l-opportunitajiet tas-sajd tar-Renju Unit jitqassmu mill-ġdid fost l-Istati Membri li jibbenefikaw minn opportunitajiet tas-sajd fl-istess kategorija fi proporzjon mal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri. Dan ma jippreġudikax l-allokazzjonijiet futuri skont il-Protokoll li jmiss.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jadotta l-proposta mehmuża għal Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/440.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

Din l-emenda ma taffettwax il-konsistenza tar-Regolament ma' leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-sajd.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Din l-emenda ma taffettwax il-konsistenza tar-Regolament ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE.

---

[1] Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 77, 20.3.2019, p. 8).

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/440 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (ĠU L 77, 20.3.2019, p. 1).

[3] Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7).

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jipprevedi li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

Din l-emenda tikkonċerna l-leġiżlazzjoni eżistenti u tikkonforma mal-istess prinċipji ġuridiċi bħar-Regolament inkwistjoni.

- **Is-sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-qasam ta' politika huwa qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-emenda ma tbiddilx il-kundizzjonijiet għas-sajd stipulati fil-Ftehim u fil-Protokoll tal-Implimentazzjoni. Għalhekk, m'hemmx bżonn ta' evalwazzjoni *ex post*, konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati jew valutazzjoni tal-impatt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-abbozz tar-Regolament ma għandu l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

L-emenda ma tbiddilx il-kundizzjonijiet stipulati fil-Ftehim u fil-Protokoll tal-Implimentazzjoni.

2021/0188 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/440 dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Marzu 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/441 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk ("Il-Ftehim dwar is-Sajd") u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu ("Il-Protokoll")[1],

(2) Fid-29 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 2019/440 dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim dwar is-Sajd (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/440")[2],

(3) L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/440 jalloka opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri, fost l-oħrajn fil-kategorija 6 — Is-sajd industrijali għall-ispeċijiet pelaġiċi, inkluż ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

(4) Skont il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit m'għadux Stat Membru tal-Unjoni u l-perjodu ta' tranżizzjoni previst f'dak il-Ftehim intemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Għalhekk, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd allokati lir-Renju Unit jiġu riallokati lill-Istati Membri mill-1 ta' Jannar 2021.

(5) Jenħtieġ li din ir-riallokazzjoni tkun trasparenti u proporzjonali għall-allokazzjoni tal-kwota oriġinali.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2019/440 jiġi emendat skont dan.

(7) Minħabba l-impatt tiegħu fuq l-attivitajiet tas-sajd fl-2021, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/441 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim. ĠU L 77, 20.3.2019, p. 4–7.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/440 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu. ĠU L 77, 20.3.2019, p. 1–3.

(8) Filwaqt li titqies l-urġenza marbuta mal-applikazzjoni retroattiva ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1, il-paragrafu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/440 huwa sostitwit b'dan li ġej:

1. L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti bis-saħħa tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk ("il-Ftehim dwar is-Sajd") għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri kif ġej:

Kategorija tas-sajd	Tip ta' bastiment	Stat Membru	Liċenzji jew kwota
1/ Sajd fuq skala żgħira fit-Tramuntana, speċijiet pelaġiċi	Bastimenti tas-sajd bit-tartaruni < 150 tunnellaġġ gross (TG)	Spanja	22
2/ Sajd fuq skala żgħira fit-Tramuntana	Bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ < 40 TG	Spanja	25
		Il-Portugall	7
	Bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ ≥ 40 TG < 150 TG	Il-Portugall	3
3/ Sajd fuq skala żgħira fin-Nofsinhar	Qasba u xlief < 150 TG kull bastiment	Spanja	10
	Total ≤ 800 TG		
4/ Sajd tal-qiegħ	Bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ ≤ 150 TG	Spanja	7
		Il-Portugall	4
	Bastimenti tat-tkarkir ≤ 750 TG	Spanja	5
		L-Italja	0
	Total ≤ 3 000 TG		
5/ Sajd għat-tonn	Bastimenti bil-qasab u x-xlief	Spanja	23
		Franza	4
6/ Sajd industrijali għall-ispeċijiet pelaġiċi	85 000 tunnellata (t) fl-2019	2019: 85 000 t	
		Il-Ġermanja	6 871.2 t
	90 000 t fl-2020	Il-Litwanja	21 986.3 t
		Il-Latvja	12 367.5 t
	100 000 t kull sena fl-2021 u fl-2022	In-Netherlands	26 102.4 t
		L-Irlanda	3 099.3 t
		Il-Polonja	4 807.8 t
	Distribuzzjoni tal-bastimenti awtorizzati li jistadu:	Ir-Renju Unit	4 807.8 t
		Spanja	496.2 t
		Il-Portugall	1 652.2 t
	10 bastimenti ≥ 3 000 TG u < 7 765 TG	Franza	2 809.3 t
		2020: 90 000 t	
	4 bastimenti ≥ 150 u < 3 000 TG	Il-Ġermanja	7 275.4 t
	4 bastimenti < 150 TG	Il-Litwanja	23 279.6 t
		Il-Latvja	13 095.0 t

In-Netherlands	27 637.9 t
L-Irlanda	3 281.6 t
Il-Polonja	5 090.6 t
Ir-Renju Unit	5 090, 6 t
Spanja	525.4 t
Il-Portugall	1 749.4 t
Franza	2 974.5 t
2021 u 2022: 100 000 t kull sena	
Il-Ġermanja	8 568.4 t
Il-Litwanja	27 417 t
Il-Latvja	15 422.3 t
In-Netherlands	32 549.8 t
L-Irlanda	3 864.9 t
Il-Polonja	5 995.4 t
Spanja	618.8 t
Il-Portugall	2 060.3 t
Franza	3 503.1 t

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President